# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 338/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Peter Paul Said**
**Christopher Angelo Grech**

Illum 14 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellati **Peter Paul Said**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 15674(G), u **Christopher Angelo Grech**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 441194(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) talli:

1. fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, Peter Paul Said ġie akkużat fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur tal-kumpanija 'Said

Construction Limited' u Chrisopher Angelo Grech ġie akkużat fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala operatur tal-krejn EAZ 973 talli fi Triq l-Imġarr, Xewkija, Għawdex nhar il-25 ta' April, 2015 għall-ħabta tal-11.00hrs b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti kkaġunaw il-mewt ta' Eukaristico Sultana mix-Xagħra, Għawdex u dan *ai termini* ta' Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Peter Paul Said akkużat <u>waħdu</u> talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi u/jew fil-ġranet ta' qabel naqas milli jħares is-saħħa u sigurta' tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xxogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan *ai termini* ta' Artikolu 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Peter Paul Said akkużat <u>waħdu</u> talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jiżgura li apparat tax-xogħol espost għall-kondizzjonijiet li jikkawżaw deterjorament u li jista' jwassal għal sitwazzjonijiet ta' perikolu jsirulu spezzjonijiet perjodiċi u meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti. Ir-riżultat ta' dawn l-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati minn min iħaddem u jinżammu għal perjodu minimu ta' sentejn. Kull *record* li joħroġ minn xi spezzjoni għandu jinżamm hekk li l-Awtorita' tkun tista' tarah meta titlob li tagħmel dan u dan *ai termini* ta' Artikoli 5(2)(a), (3) u (5) ta' l-A.L. 282/04 (S.L. 424.30);

4. Peter Paul Said akkużat <u>waħdu</u> talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza hija definittiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Christopher Angelo Grech akkużat <u>waħdu</u> talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares is-saħħa u s-

sigurta' tiegħu, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessasrji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġonevolement prattiku u dan *ai termini* ta' Artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 269 *et seq.*) fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat Christopher Angelo Grech ħati tal-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazzjoni miġjuba kontrih u lliberatu minnhom u ma sabitx lill-imputat Peter Paul Said ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati kontrih u lliberatu minnhom u, wara li rat Artikoli 5(2)(a), (3) u (5) tal-Avviż Legali 282/04 (S.L. 424.30 tal-Liġijiet ta' Malta) sabitu ħati tat-tielet (3) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2000).

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-18 ta' Diċembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"**tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li:*

1. ***Tikkonferma*** *s-sentenza appellata fil-parti fejn sabet lill-appellat Peter Paul Said ħati tat-tielet (3) imputazzjoni dedotta kontrih; u*

2. ***Tikkonferma*** *s-sentenza appellata fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat Peter Paul Said ħati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta kontrih; u*

3. *Tgħaddi sabiex **tħassar u tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza fejn:*

    i. *fir-rigward tal-appellat Peter Paul Said ma sabitux ħati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok tgħaddi sabiex issibu ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi u li hija adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern;*

ii. *fir-rigward tal-appellat Chrisopher Angelo Grech ma sabitux ħati tal-ewwel (1) u l-ħames (5) imputazzjonijiet dedotti kontrih u minflok tgħaddi sabiex issibu ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement tinfliġġi piena skont il-liġi u li hija adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li kienu qed jikkondividu ma' dak li ġie verbalizzat quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta fis-27 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 335) u li b'hekk ma kellhomx aktar sottomissjonijiet x'jagħmlu u qablu li l-appell jista' jitħalla għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fil-25 ta' April 2015 ġewwa x-Xewkija kien waqa' raġel minn għoli ta' madwar tliet sulari u miet ftit wara minħabba l-ġrieħi li sofra. Kien hemm bżonn isir xogħol fuq faċċata ta' dar u l-vittma u ibnu riedu jitilgħu fuq *crane* li nkera minn għand l-appellat Peter Paul Said b'dan illi l-appellat l-ieħor Christopher Angelo Grech kellu jopera l-*crane*. Il-vittma Eukaristico Sultana pprova jlaħħaq l-aħħar fil billi serraħ mal-bieba tal-gaġġa. It-tieqa nfetħet u Sultana waqa'.

Illi ż-żewġ appellati ġew mixlija quddiem l-Ewwel Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet u l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha fid-29 ta' Novembru 2019 fejn filwaqt li l-appellat Grech ġie liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu, l-appellat Said ġie misjub ħati biss ta' waħda mill-imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu u

ġie kkundannat iħallas multa ta' elfejn Euro (€2000). L-Avukat Ġenerali appella mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u ressaq numru ta' aggravji fir-Rikors tal-Appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-appell, hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tinnota li meta fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat Said fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, fid-decide tas-sentenza appellata hija għamlet riferenza għal "Artikoli 5(2)(a), (3) u (5) tal-Avviż Legali 282/04 (S.L. 424.30)".

Illi għandu jiġi nnutat li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet mogħtija fid-29 ta' Novembru 2019 u li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.30 tal-Liġijiet ta' Malta *ossia* Avviż Legali 282 tal-2004 ġie revokat b'Avviż Legali 293 tal-2016.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;

Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista' jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi isemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

> Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi minkejja li dak li ngħad fis-sentenza hawn fuq ikkwotata ma kienx identiku eżatt għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, il-Qorti tinnota li n-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika eżatt l-Artikolu tal-liġi li minnu temerġi t-tielet (3) imputazzjoni li tagħha nstabet ħtija jwassalha sabiex tabbraċċja l-insenjament hawn fuq ikkwotat.

Illi kif qalet is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq iċċitata:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda *ex officio* tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellati jerġgħu jitpoġġew fil-pożizzjoni li kienu immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**